- *PROKURA –*
- *L-EFFETT VIS –A-VIS TERZI PERSUNI –*
- *LI KUNTRATT JIGI ESEGWIT IN BONA FEDE –*
- *INTERPRETAZZJONI TAL-KUNTRATT –*
- *ART 1002 KAP 16 –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 20 ta' Marzu, 2002**

**Kawza Numru: 17**
**Citazzjoni Numru: 367/00/RCP**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

1. **Dottor Raymond Zammit u l-P.L. Victor Bugeja nominati b'digriet tal-14 ta' Lulju 1999 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Christopher Fenech**

2. **Stella Vassallo**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 u 2 fejn gie premess:-

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'hames kuntratti, tnejn minnhom in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion datati 14 ta' Dicembru 1995 (Dok "A" u Dok "B") u t-tlieta l-ohra in atti Nutar Dottor Joseph Debono datati tnejn minnhom 13 ta' Marzu 1997 (Dok "C" u Dok "D") u l-iehor 20 ta' Awissu 1997 (Dok "E"), is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet *Loan Facilities* lill-assenti konvenut Christopher Fenech;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-assenti konvenut Christopher Fenech fis-somma ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u erba' liri Maltin u sitt centezmi (Lm23,104.06) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Accounts* tal-assenti Christopher Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "F1" sa "F12", Dok "G1" sa "G2" u Dok "H1" sa "H4" flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Debono datat 20 ta' Awissu 1997 (Dok "E"), il-konvenuta Stella Vassallo ggarantiet flimkien u *in solidum* mal-assenti konvenut Christopher Fenech a favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess

Christopher Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' hmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000);

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 30 ta' April 1998 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "I" u Dok "J", sabiex ihallsu id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti,

Jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

*j*

(1) Tikkundanna lill-assenti Christoper Fenech ihallas lis-socjeta' attrici s-sornma ta' tlieta u ghoxrin elf, mija u erba' liri Maltin u sitt centezmi (Lm23,104.06) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Accounts* tal-assenti Christopher Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "F1" sa "F12", Dok "G1" sa "G2" u Dok "H1" sa "H4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

(2) Tikkundanna lil Stella Vassallo thallas is-somma ta' hmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000) bilanc ghad-debitu fil-*Loan Accounts* tal-assenti Christopher Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "F1" sa "F12", Dok "G1" sa "G2" u Dok "H1" sa "H4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 1999 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri datati 30 ta' April 1998 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu prezentati kontestwalment konra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 54 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi tal-15 ta' Marzu 2000 a fol. 58 fejn gie eccepit:

1. Illi huma mhux edotti mill-fatti;

2. Illi huma jitolbu lill-partijiet l-ohra fil-kawza biex jindikawlhom kif jistghu jikkomunikaw ma' Christopher Fenech.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi a fol. 58 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Stella Vassallo tal-20 ta' Marzu 2000 a fol. 60 fejn gie eccepit:

Illi t-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kuntratt ta' l-20 ta' Awissu 1997 huwa null u bla effett peress illi l-konvenuta qatt ma awtorizzat lil Emanuel Fenech jidher ghan-nom taghha fuq il-kuntratt in kwistjoni u il-prokura irnsemmi fl-istess kuntratt inkisbet bi frodi da parti tal-konvenut assenti Christopher Fenech u missieru Emanuel Fenech.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 60 u 61 tal-process.

Rat il-verbali tat-3 ta' Mejju 2000 fejn Dr. Chetcuti ddikjarat li ma kienitx saret kawza kontra Chris Fenech a bazi ghal dak allegat fl-eccezzjonijiet taghha, u tat-28 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba a fol. 65 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Lulju 2000 fejn xehed P.L. Joseph Zammit.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici a fol. 71 *et seq* tal-process;

Rat in-nota tal-konvenuta a fol. 81 *et seq* tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Dicembru 2000 fejn xehdu n-Nutar Joseph Debono, Anton Borg Olivier u Emanuel Fenech; tal-14 ta' Marzu 2001; tal-5 ta' Lujlu 2001 fejn xehdet Maria Stella Vassallo. Dr. Grima ddikjarat li m'ghandhiex provi aktar hlief li tesebixxi kopja tad-dokumenti; tat-28 ta' Novembru 2001 fejn xehdu n-Nutar Joseph Debono u Maria Stella Vassallo. Il-Qorti staqsiet lid-difensur tal-konvenuta Dr. Edwina Grima jekk hux se titlob nomina ta' espert kalligrafu. Dr. Grima rrispondiet li f'dan l-istadju ma tarax il-htiega ta' l-istess minbabba li l-konvenuta m'ghandhiex fondi. Dr. Cassar u Dr. Grima iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Dr. Zammit

iddikjara li l-assenti ma kkomunikax mieghu minkejja diversi tentattivi minnu; u tat-22 ta' Jannar 2002 fejn Dr. Grima talbet li taghmel nota u l-Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu ta' 30 jum bin-notifika / visto lid-difensur tal-kontro-parti li jkollhom 30 jum biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-20 ta' Marzu 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET

Illi f'din il-kawza l-bilanc kif ridott gie ppruvat ampjament u fil-fatt ma saret ebda kontestazzjoni dwar l-istess. Jinghad li Dr. Zammit waqt ix-xhieda ta' Emanuel Fenech gibed l-attenzjoni tal-Qorti li meta gie notifikat bic-citazzjoni kiteb lix-xhud biex itih l-indirizz tas-assenti. Emanuel Fenech ikkonferma li ma tahulux l-indirizz ghalkemm jafu ghax ma riedx jinvolvi lit-tifel. Il-Qorti ordnat lix-xhud biex fi zmien 10 ijiem jghaddi l-indirizz lil Dr. Zammit. Oltre minn hekk Dr. Raymond Zammit bhala kuratur deputat ghan-nom tal-assenti Christopher Fenech fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2001 iddikjara li l-assenti ma kkomunikax mieghu minkejja diversi tentattivi minnu. Illi kwindi ma ngabu l-ebda provi fir-rigward tal-assenti Christopher Fenech, hlief min-naha tas-socjeta' attrici li esebiet hames kuntratti, tnejn minnhom in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion datati 14 ta' Dicembru 1995 (Dok "A" u Dok "B") u t-tlieta l-ohra in atti Nutar Dottor Joseph Debono datati tnejn minnhom 13 ta'

Marzu 1997 (Dok "C" u Dok "D") u l-iehor 20 ta' Awissu 1997 (Dok "E") li permezz taghhom is-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet *Loan Facilities* lill-assenti konvenut Christopher Fenech. Inoltre' bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Debono datat 20 ta' Awissu 1997 (Dok "E"), il-konvenuta l-ohra Stella Vassallo ggarantiet flimkien u *in solidum* mal-assenti konvenut Christopher Fenech a favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess Christopher Fenech mas-socjeta' attrici sal-valur ta' hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000).

Illi l-konvenuta **Stella Vassallo** eccepiet li l-kuntratt ta' l-20 ta' Awissu 1997 huwa null u bla effett peress illi hija qatt ma awtorizzat lil Emanuel Fenech jidher ghan-nom taghha fuq il-kuntratt in kwistjoni u l-prokura msemmija fl-istess kuntratt inkisbet bi frodi da parti tal-konvenut assenti Christopher Fenech u missieru Emanuel Fenech.

Fil-fatt xehed in-**Nutar Joseph Debono** li esebixxa l-kuntratt ta' garanzija ta' l-20 ta' Awissu 1997 (Dok JD1). Huwa xehed li Emanuel Fenech deher in forza ta' prokura maghmula mill-istess Nutar fl-ufficcju tieghu. Huwa ma ftakarx ic-cirkostanzi li saret il-prokura pero' spjega li l-procedura tkun li l-partijiet jidhru quddiemu u jiffirmawha quddiemu. Huwa kkonferma li hlief il-firem, il-kitba fuq il-prokura hija kollha tieghu. Huwa qal li jispjegalhom l-importanza taghha u f'hiex tikkonsisti l-prokura. Qal ukoll, li peress li din il-procedura kienet limitata jkun specifika ghaliex tkun qed issir.

F'seduta ohra, in-Nutar rega' xehed u qal li meta giet redatta l-prokura, fl-ufficcju tieghu, kien hemm prezenti Stella Vassallo Azzopardi u Emanuel Fenech. Hemm zewg firem tieghu, wahda meta kien *witness to signature and identities of the parties* u l-ohra meta kien waqt il-kuntratt. Huwa qal li kien spjegalha l-affarijiet pero' ma ftakarx ezatt x'kien il-kliem ezatt. Sostna li din Stella Vassallo ffirmat quddiemu wara li kien spjegalha. Kien hemm prezenti wkoll Emanuel Fenech.

Illi xehed ukoll **Anton Borg Olivier** li kien prezenti ghall-kuntratt ta' l-20 ta' Awissu 1997. Huwa qal li lil Stella Vassallo la qatt raha u lanqas kellimha personalment hlief bit-telefon. Hija fil-fatt cemplitlu biex tghidlu li dak il-kuntratt ma kellux jidher fuqu s-Sur Fenech ghax hi qatt ma ffirmatlu prokuri. Hi ma regghetx kellmitu pero' x-xhud kellem lin-Nutar u qallu x'gara u dan qallu li m'hemmx problema ghax il-prokura hija awtentikata.

Illi **Emanuel Fenech** xehed li huwa mar ghand in-Nutar ma' Stella Vassallo biex jaghmlu l-prokura li tinsab a fol. 84 tal-process. Huwa kien qalilha li kien se jissellef ghan-nom tat-tifel Christopher Fenech xi Lm3,000 u li dawn kienu se jithallsu malajr. Hija qaltlu li kienet lesta li tghinu basta jithallsu malajr. Il-kliem ghand in-Nutar kien f'dan is-sens u n-Nutar kien spjegalha ghal x'hiex kienet qed issir. Huwa xehed ukoll li ghalkemm kellu *draft* tal-kuntratt lil Vassallo ma kienx uriehulha. Huwa kkonferma l-kuntratt tal-20 ta' Awissu 1997. Lil din Vassallo qatt ma hallasha xejn. Fuq

mistoqsija tal-Qorti huwa ammetta li ghalkemm lil Vassallo qalilha li l-prokura kienet qed issir ghal Lm3,000 huwa ffirma l-kuntratt imsemmi.

Il-konvenuta **Maria Stella Vassallo** fix-xhieda taghha cahdet li qatt ghamlet xi prokura lil xi hadd, u wisq anqas gharfet il-firma taghha fuq il-prokura a fol. 82 tal-process. Hija wriet lil din il-Qorti djarju tal-1997 fejn hemm il-firma taghha ndikata bhala *"Maria Stella Vassallo Azzopardi"*. Ix xhud obbligat ruhha li tesebixxi kopja tal-istess notament fid-djarju taghha. Hija qalet li tnizzel kollox fid-djarju u fil-11 ta' Awissu ma kellha xejn imnizzel. In kontro-ezami qalet li hija marret darba ma' Emanuel Fenech ghand in-Nutar Debono pero' ma ffirmat xejn. Ftakret li dan Fenech staqsiha jekk rieditx taghmillu tajjeb ghal xi Lm3,000 u n-Nutar staqsiha jekk il-post kienx taghha. Hija ma kienitx taf id-data ta' meta marret ghand in-Nutar. Ix-xhud kompliet li darba Emanuel Fenech mar ghandha u qalilha li ma setax isib kuntratt li kellha bzonn u talabha biex tiktiblu isimha u ffirmatlu fuq karta vojta. Hija xehdet li lil dan Fenech kienet qaltlu li ma setax ikun li tkun garanti.

Sussegwentement il-konvenuta Maria Stella Vassallo in konfront man-Nutar Joseph Debono xehdet li darba biss marret ghand in-Nutar Debono li spjegalha li hija kienet ser taghmel tajjeb, cjoe' bil-post taghha, ghal Lorry fuq xi Lm3,000. Hi qaltlu li kienet ser tahsibha. Hija xehdet li qatt ma ffirmat xejn u ssostni li l-prokura ma ffirmathiex hi. Hija nsistiet li l-kliem kien biss fuq Lm3,000 u fuq xejn aktar. Hija qalet li darba Emanuel Fenech mar ghandha u ffirmat

isimha fuq xi karta biex isib il-kuntratt tad-dar taghha ghax kellu bzonnu. Wara xi granet li marret ghand in-Nutar hadd ma mar ghandha b'xi karti.

Illi din il-Qorti tibda biex tirrileva illi Emanuel Fenech xehed li huwa meta kien avvicina lill-konvenuta kien kellimha biss fuq is-somma ta' Lm3,000, pero' xorta wahda ffirma l-kuntratt *nonostante* l-klawsola l-ohra rigwardanti l-facilita' ta' l-*overdraft* hi ma kienitx taf biha. Dan hu ammess. Illi din il-Qorti tifhem il-pozizzjoni tal-konvenuta.

Illi pero' min-naha l-ohra din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li s-socjeta' attici fil-kaz odjern kienet qed tagixxi *in bona fede.* Infatti jirrizulta f'Dok "A" a fol. 78 *et seq* tal-process li l-prokura a favur ta' Emanuel Fenech kienet tispecifika li huwa seta' jidher "*as surely on my behalf in a contract to be drawn on the twentieth of August of the year nine thousand and ninety-seven (20/8/1997) at the Bank of Valletta, Legal Office, Zachary Street, Valletta".*

Kwindi fuq din il-prokura li kienet giet redatta min-Nutar John Debono, kif ikkonferma fix-xhieda tieghu, ma kien hemm l-ebda ammont specifikat u b'hekk ghas-socjeta' attrici Emanuel Fenech seta' jidher f'isem il-konvenuta Vassallo sabiex hi tkun garanti. Illi dan anke ghaliex it-termini tal-istess prokura huma cari fihom infishom, u la darba huwa hekk japplika l-**Artikolu 1002, tal-Kap 16**, fejn jinghad li la darba l-kliem huwa car, ma hemmx lok la ta' interpretazzjoni. Fil-kuntest premess jidher li l-konvenuta ma pruvat l-ebda restrizzjoni fuq il-prokura minnha

moghtija b'riferenza ghall-garanzija minnha offerta fuq il-kuntratt premess, li lilha gie spjegat il-kuntest tal-istess prokura min-Nutar, ukoll li hija ffirmat l-istess prokura.

Inoltre', l-istess konvenuta sostniet fix-xhieda taghha li l-firma fuq l-istess prokura mhix taghha, imma *nonostante* tali allegazzjoni ma rieditx li jinhatar espert kaligrafu minhabba li ddikjarat li m'ghandhiex fondi. Certament li dawn l-allegazzjonijiet m'ghandhomx jigu ezaminati f'dan l-istadju u f'din is-*sede* imma ghandhom *se mai* u jekk ikun opportune jinfethu proceduri appoziti *stante* li din is-sitwazzjoni li nholqot bejn il-konvenuta Vassallo u Emanuel Fenech hija sitwazzjoni *res inter alios acta* ghall-Bank innifsu.

Hawnhekk irid jinghad li kif gie rilevat fis-sentenza **Edrichton Estates Limited vs Emanuel Vella et (1201/98/RCP deciza fis-26/4/01)** illi *"hija regola fundamentali tal-ligi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in bona fede u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni.* (**Joseph Francis Depares noe vs John O'Dea noe – App. 25 ta' Gunju 1996**)". Irrizulta li s-socjeta' attrici kienet qed tagixxi in *bona fede* u ma kellhiex ghalfejn tiddubita mill-prokura li qed tigi kontestata mill-istess konvenuta, u fil-fatt is-sitwazzjoni odjerna tirrisolvi ruhha fil-fatt li jidher li l-prokura esebita u annessa mal-kuntratt premess hija wahda valida u effettiva ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan anke fir-rigward tas-socjeta' attrici, u dan bla pregudizzju ghal kull dritt jew azzjoni li l-

istess konvenuta tista' tvanta kontra l-konvenut l-iehor Emanuel Fenech, anke ghaliex l-istess prokura ma fiha l-ebda limitazzjoni sabiex tidher bhala garanti (*surity*) fuq il-kuntratt specifikat ndikat.

Illi ghar-ragunijiet suesposti l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti f'din il-kawza ghandhom jigu michuda u t-talba attrici kif ridotta ghandha tigi milqugha fil-konfront tal-konvenuti. Illi ghal dak li jirrigwarda Maria Stella Vassallo din il-Qorti tikkundannaha thallas sa l-ammont li hemm imnizzel fil-prokura li hi ggarantiet ghalih, salv kwalunkwe azzjoni li hija tiddeciedi li tiehu biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha kontra terzi.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** kollha, **tilqa' t-talba attrici** kif ridotta b'dan illi:

1. Tikkundanna lill-assenti Christopher Fenech ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghoxrin elf u tlieta u tmenin liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm20,083.96) bilanc ghad-debiti fil-*Loan Accounts* tal-assenti Christopher Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "F1" sa "F12", Dok "G1" sa "G2" u Dok "H1" sa "H4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-**1 ta' April 2000** sad-data tal-effettiv pagament;

2. Tikkundanna lill-konvenuta Stella Vassallo bhala garanti solidali tal-istess assenti Christopher Fenech

thallas is-somma ta' hmistax-il elf liri Maltin (Lm15,000) bilanc ghad-debiti fil-*Loan Accounts* tal-assenti Christopher Fenech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "F1" sa "F12", Dok "G1" sa "G2" u Dok "H1" sa "H4" flimkien mal-imghax ulterjuri mill-**1 ta' April 2000** sad-data tal-effettiv pagament; (b'dan li tali somma hija parti mill-ammont kanonizzat fl-ewwel talba attrici).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 30 ta' April 1998 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**20 ta' Marzu, 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**20 ta' Marzu, 2002**